**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta' Novembru, 2016

Rikors Nru : 48/15/2 AL

**AB**
**Vs**
**CBD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi permezz ta' sentenza datata 17 ta' Gunju 2015, din il-Qorti kienet ppronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u laqghet it-talba tal-intimata ghall-hrug ta' garanzija u ordnat lir-rikorrenti sabiex jottjeni garanzija favur l-intimata fl-ammont ta' erbghin elf u tmien mitt ewro (euro 40,800), rapprezentanti l-ammont dovut minnu lilha bhala manteniment fix-xahar u cioe sitt mija u tmenin euro ghal hames snin fi zmien xahar mis-17 ta' Gunju 2015;

Illi sallum din il-garanzija ghadha ma saritx;

Illi l-Artikolu 661 (3) tal-kap. 16 jipprovdi hekk :

*Il-Qorti tista', fis-sentenza illi biha tilqa' t-talba ghad-divorzju u, fuq talba tal-parti illi matul is-smigh tal-kawza ta' divorzju jkun dovut ghaliha jew ghall-ulied manteniment minghand il-parti l-ohra, tordna illi l-hlas tal-manteniment mill-parti l-ohra jigi zgurat b'garanzija xierqa u ragonevoli skont ic-cirkostanzi tal-partijiet. Dik il-garanzija m'ghandhiex tkun f'ammont li jeccedi l-ammont ta' manteniment ghal hames snin.* ***<u>Il-Qorti ghandha taghti din l-ordni biss fejn, mill-provi fil-kawza jirrizulta illi waqt is-smigh jew qabel ma bdiet il-kawza, il-parti li kontra taghha tkun qed tintalab il-garanzija kienet inadempjenti fl-obbligu taghha tal-hlas tal-manteniment, jew meta jkun hemm cirkostanzi oggettivi serji li juru l-htiega ta' din il-garanzija. Talba kif kontemplata f'dan is-subartikolu tista' wkoll issir f'kull zmien wara s-sentenza imsemmija meta jkun dovut il-manteniment;</u>***

Illi l-intimat fil-fatt mhux talli **<u>kien inadempjenti fl-obbligu tieghu tal-manteniment kif stipulat fil-bidu tal-kawza</u>** (dan johrog mill-verbal u anke *ex admissis* fir-rikors tieghu; IZDA sal-prezent ghadu moruz – u ilu ma jhallas;

(i) Awissu
(ii) Settembru
(iii) Ottubru

u dan wara s-sentenza.

Illi nonostante din l-ordni, l-intimat baqa ghaddej bin-negozju tieghu, sahansitra xtara penthouse u dan kif jirrizulta mill-anness att li sar fl-atti tan-Nutar Justin Fenech, hawn anness u mmarkat bhala <u>Dokument JC1</u>;

Illi l-intimat dejjem jahseb li hu jista jaghmel li jrid, u li hadd ma jista ghalih, u dan b'detriment kbir ghall-esponenti li qeghda fil-bzonn;

Illi dan l-agir huwa disprezz lejn l-Awtorita ta' din il-Qorti :

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(i) Tiddikjara li l-intimat iddisprezza l-Awtorita ta' din il-Qorti;
(ii) Tordna lid-Direttur, Qrati Civili u Tribunali, sabiex jiehu l-procedimenti kollha mehtiega ghal disprezz lejn l-Awtorita taghha fil-konfront ta' C B K (detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 236860(M)) ai termini ta' l-artikolu 1003A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

u dana taht il-provvedimenti kollha illi dina il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat ir-risposta tal-intimat, li *in forza* taghha huwa eccepixxa : (fol. 9)

1. Illi fl-ewwel lok ir-rikors odjern ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra r-rikorrenti stante illi l-esponent m'ghamel l-ebda att jew ommissjoni li seta' jwassal ghal disprezz lejn l-awtorita' ta' din il-Qorti u li jista' konsegwentement iwassal ghal ordni skond id-dispozizzjonijiet tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kap 12;

2. Illi minghajr kull pregudizzju ghas-suespost, l-esponent sallum ma setghax joffri l-granazija mitluba fis-sentenza moghtija fis-17 ta' Gunju 2015 fl-ismijiet premessi peress li kellu rbit u pizijiet precedenti mal-Bank of Valletta relatati ma self kummercjali mehud snin qabel ma inghata l-imsemmi divorzju (ara Dok PCK1). Madanakollu, kif ser jigi spjegat aktar 'l quddiem, l-esponent qieghed fil-process li jillikwida l-proprjeta' immobiljari sabiex ihallas l-bilanci tas-self mehudha mal-imsemmi Bank u b'hekk jikkancella l-ipoteki u l-garanziji ezistenti favur l-istess Bank, sabiex ikun jista' johrog garanzija gdida favur ir-rikorrenti skond is-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti;

3. Illi minghajr kull pregudizzju ghas-suespost, il-kuntratt anness mar-rikors odjern bhala Dok JC1 li gie iffirmat ftit gimghat wara s-sentenza odjerna huwa parti minn sensiela ta' transazzjonijiet kummercjali kif spjegat fil-paragrafu precedenti, li l-esponent seta' biss jaghmel wara li nbiegh fond ossija appartament iehor li jinstab f'Numru 6, Mayflower Court, Bisazza Street, Sliema. Illi permezz tal-bejgh ta' dan l-appartament mis-socjeta' Bisazza Developers Limited [C43784], li taghha l-esponent huwa azzjonist (ara Dok PCK2) u garanti personali taghha, huwa seta' jittrasferixxi sehem ta' 50% tal-penthouse indikata f'Dok JC1, u jhallas lill-Bank of Valletta l-bilanc tas-self ammontanti ghal mija u erbatax-il elf Ewro (€114,000);

4. Illi permezz ta' din it-transazzjoni, l-esponent effettivament ikkancella wahda mill-ipoteki li kellu f'ismu personali favur il-Bank of Valletta plc. Madanakollu huwa ghad ghandu garanziji ohra marbuta ma' self mehuda ghal proprjeta' ohra gewwa l-Marsa, li l-istess esponent qieghed jaghmel hiltu sabiex ihallas l-bilanc pendenti lill-Bank imsemmi u b'hekk ikun f'pozizzjoni li jitlob u jottjeni b'success il-garanzija mitluba minn dina l-Onorabbli Qorti;

5. Illi minghajr kull pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti dana kollu tafu sew kif ukoll taf li l-esponent ilu snin jaghmel hiltu kollha sabiex ihallas u jikkancella l-garanziji li ghandu favur il-Banek, u ghalhekk talba ghal dikjarazzjoni ta' disprezz hija biss manuvra makkjaveljana sabiex taghmel pressjoni fuq l-esponent sabiex jottjeni l-garanzija ordnata fis-sentenza sudetta;

6. Illi minghajr kull pregudizzju ghas-suespsot, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talba infantili tar-rikorrenti ghad-dikjarazzjoni ta' disprezz fil-konfront tal-esponent, peress li l-istess rikorrenti minn dejjem gawdiet b'mod li lanqas biss ghandha bzonn tahdem, kif jirrizulta mill-fatti attwali naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejn il-partijiet li permezz taghhom

(kif jidher mis-silta riprodotta hawn taht), **l-esponent refa' l-pizijiet kollha gravanti l-komunjoni tal-akkwisti u halla l-proprjeta' immobiljari kollha, libera u franka, lir-rikorrenti** li b'hekk gawdiet b'mod assolut minn dar imdaqqsa (u garage sottopost ta' ghaxar (10) karrozzi) oltre manteniment konsiderevoli mensili ta' sitt mija u tmenin Ewro (€680.00);

*7.* Illi sehem l-esponent mis-separazzjoni personali tieghu tinkludi: *(i) The movables currently situated in the garage underlying the matrimonial home, including cars, tools and other fixtures; (ii) all shares held by the husband in the companies registered in Malta bearing the names (1) "Route 66 Limited" [C28086], (2) "USA 1 Import Limited" [C35482], (3) Bisazza Developers Limited [C43784] and (4) "Hi Timber Company Limited" [C9022] –* ***with all rights and liabilities attached****, arising and relative to the said shares; (iii)* ***All debts and liabilities burdening the community of acquests to date including any loans, overdrafts or other debts that the parties may owe the banks, other financial institutions or other service providers..."***

***8.*** Illi sehem ir-rikorrenti mill-banda l-ohra kienet wahda ta' assi liberi u franki biss, konsistenti fis-segwenti: *(i)* ***The matrimonial home*** *named "Jan C", situated at 55, Triq Vincenzo Maculano, Fgura, including* ***the underlying garage*** *as well as* ***the airspace overlying*** *the said matrimonial home, with all its rights and appurtenances and inclusive of the ground rent imposed on such premises; (ii)* ***The movables in the wife's possession*** *and those at present situate in the former matrimonial home saving those listed in the inventory jointly compiled and signed by the parties.*

Daqstant ghandu x'jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba sabiex issib lill-intimat ħati ta' disprezz lejn l-awtorita` ta' din l-istess Qorti;

It-talba temani wara deċiżjoni ta' din il-Qorti ddatata is-17 ta' Ġunju 2015, fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-partijiet għall-pronunzjament tal-ħall taż-żwieġ bejniethom u inoltre laqgħet it-talba tal-intimata għall-ħruġ ta' garanzija. Konsegwentement, ordnat lir-rikorrenti sabiex jottjeni garanzija favur l-intimata fl-ammont ta' erbgħin elf u tmien mitt ewro (€40,800) rappreżentanti l-ammont dovut minnu lilha bħala manteniment fix-xahar cioe' sitt mija u tmenin ewro għal ħames snin;

PROVI

Illi l-Qorti rat il-provi kollha prodotti, minn fejn jirriżulta illi l-intimat għadu sal-lum m'ottjeniex il-ħruġ tal-garanzija ordnata favur martu. Rat illi minkejja dan, huwa qed jiġġestixxi l-attivita` kummerċjali tiegħu mingħajr ebda xkiel, fosthom illi akkwista propjeta` f'Tas-Sliema.

Illi fix-xiehda tal-intimat[1], huwa rrefera għal *overdrafts* u *loans* li huwa kellu u li għad għandu, fejn qal li m'huwiex ilaħħaq mal-pagamenti tagħhom. Sostna li minħabba dawn id-debiti, il-Bank jirrifjuta li joħroġlu garanzija fil-konfront ta' martu. Il-Qorti tirrileva illi l-verżjoni tal-konvenut m'hijiex korraborata mill-ebda prova. Pjuttost il-provi jindikaw il-kontra u cioe li huwa għandu negozju tal-kiri tal-karozzi li sejjer tajjeb u l-uniku debitu li nġiebet prova dwaru huwa fl-inċirka ta' tlett'elef Ewro.

---

[1] Seduta tal-24 ta' Mejju 2016, fol. 69

PRINĊIPJI LEGALI

Il-Qorti rat it-Titolu XVII tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, liema titolu jitratta r-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti, partikolarment l-Artikolu 997 illi jistipula l-pieni li għandhom jiġu nflitti fuq min jinsab ħati ta’ disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti.

Rat ukoll illi bl-emenda introdotta għall-Kapitolu 12 bl-Att XXIV ta' l-1995, kull proċediment għad-disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, eċċettwati naturalment dawk is-sitwazzjonijiet fejn l-oltraġġ isir *in faciem curiae*, ir-Reġistratur għandu jibda, kif jiġi ordnat mill-Qorti, il-proċedimenti meħtieġa għas-sejba tad-disprezz. Fil-fatt, l-Artikolu 1003A tal-Kapitolu 12 jistipula hekk :

***1003A. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta’ dan it-Titolu, f’kull proċediment għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, ir-Reġistratur għandu jibda, kif jiġi ordnat mill-Qorti, il-proċedimenti meħtieġa u għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi huwa għandu jitqies bħala l-attur;***

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Il-proċedura għal disprezz għandha natura partikolari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija dik li tagħti ordnijiet lil xi ħadd, kemm jekk biex dik il-persuna tagħmel xi ħaġa, jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xi ħaġa. Il-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz għall-awtorita' li, bis-saħħa tagħha, dik l-ordni tkun ingħatat. Fil-każ odjern il-Qorti tat ordni lill-intimat biex jipprovdi garanzija lill-martu, liema garanzija, sbatax-il xahar wara, għadha ma ġietx minnu provduta. Dan isarraf f’disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti.

Kif dejjem ġie ritenut mill-Qrati tagħna *“L-interess soċjali u l-bwon ordni pubbliku jitolbu li ordnijiet bħal dawk tal-Qorti jiġu obduti u li kienu x'kienu r-raġunijiet li wasslu lill-imħarrek biex aġixxa kontra dak l-ordni m'għandhomx ikunu raġuni tajba biex dak il-ksur jiġi skużat.”*[2]

Il-proċeduri odjerni, iservu sabiex ir-rikorrenti, li tħoss li sar għemil kontra tagħha, li jista' jitqies bħala wieħed li jikkwalifika bħala disprezz lejn il-Qorti, tiġbed l-attenzjoni tar-Reġistratur biex jibda l-proċeduri meħtieġa. Dana stante illi, kif ingħad, il-liġi tfisser min għandu jibda proċeduri ta' disprezz fl-artikolu 1003A tal-Kapitolu 12. Persuna waħda għandha din is-setgħa u dik il-persuna m'hijiex individwu privat jew persuna li tallega li nkisrulha l-jeddijiet tagħha, izda hija r-Registratur tal-Qrati.

Illi jirriżulta, fil-fehma tal-Qorti, illi t-talba tar-rikorrenti kif dedotta hija ġustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tiġi akkolta.

## DIGRIET

Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors tagħha tat-23 t’Ottubru 2015, u tordna lid-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jistitwixxi proċeduri ta’ disprezz fil-konfront ta’ C B K I.D. 236860(M) ai termini tal-Artikolu 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

---

[2] Ara, fost oħrajn, Oliver Agius noe. vs. Joseph Gatt, Deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta’ Diċembru 2002 (Ċitazzjoni 666/1992PS), u Reġistratur tal-Qrati vs. Carmelo sive Charles Ellul, Deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit 30 ta’ Jannar 2003 (Ċitazzjoni 92/01JRM);

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.